

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6407 – Apache/Mobil North Sea)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2011/C 339/14)

1. Fil-11 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-Apache Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien kontroll totali tal-Mobil North Sea Limited ("MNSL" il-Gżejjjer Kajman) li hi tal-Grupp ExxonMobil (l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz tax-xiri ta' isħma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Apache Corporation: l-esplorazzjoni għat-titjib, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' gass naturali, żejt mhux maħdum u likwidati tal-gass naturali,
- għal MNSL: il-produzzjoni l-iżvilupp u l-bejgħ ta' żejt mhux maħdum u gass naturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitū tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil-COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6407 – Apache/Mobil North Sea, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
 Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
 J-70
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).